KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell 19.4.2011
KUMM(2011) 222 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa**

## WERREJ


1. Introduzzjoni ... 3
2. Id-dibattitu dwar in-newtralità tan-net ... 3
3. Id-dispożizzjonijiet dwar in-newtralità tan-net tal-qafas regolatorju tal-UE ... 5
3.1. Il-prinċipji tal-kompetizzjoni ... 5
3.2. Il-qafas emendat tat-Telekomunikazzjonijiet ... 6
4. X'instab s'issa ... 7
4.1. L-imblukkar ... 7
4.2. Il-ġestjoni tat-traffiku ... 8
4.3. Il-konsumaturi u l-kwalità tas-servizz ... 9
4.4. Il-kuntest internazzjonali ... 9
5. Konklużjoni ... 10

## 1. INTRODUZZJONI

Meta l-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet il-pakkett ta' riforma tal-UE dwar it-telekomunikazzjonijiet tal-2009, hija ħarġet dikjarazzjoni[1] fejn stipulat l-impenn lejn il-"preservazzjoni tal-karattru miftuħ u newtrali tal-Internet, b'kunsiderazzjoni sħiħa għar-rieda tal-koleġiżlaturi biex issa, in-newtralità tal-internet tkun imħaddna bħala objettiv politiku u prinċipju regolatorju li għandu jkun imħeġġeġ mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali". Skont din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti rigward il-libertajiet tal-internet, il-Kummissjoni se "tissorvelja l-impatt tal-iżviluppi tas-suq u tat-teknoloġija fuq il-'libertajiet tal-internet' billi tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel l-aħħar tal-2010 dwar jekk hemmx bżonn gwida addizzjonali". Din il-Komunikazzjoni b'dan tfittex li tissodisfa dan l-impenn, li ssemma mill-ġdid fil-Komunikazzjoni dwar l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa[2], billi tistipula dak li l-Kummissjoni tgħallmet b'riżultat tal-proċessi ta' konsultazzjoni u ta' tiftix tal-fatti filwaqt li toħroġ il-konklużjonijiet xierqa.

*Il-proċess*

Sabiex tiġi pprovduta bażi ta' evidenza għall-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni varat konsultazzjoni pubblika dwar "L-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa", li saret bejn it-30 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2010. Il-konsultazzjoni ġibdet aktar minn 300 reazzjoni minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, inklużi operaturi tan-netwerk, fornituri tal-kontenut fuq l-internet, Stati Membri, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tas-soċjetà ċivili kif ukoll għadd ta' individwi. Il-lista sħiħa ta' min bagħat reazzjoni flimkien mar-reazzjonijiet mhux kunfidenzjali kienet ippubblikata fuq il-websajt iddedikata[3] tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport li jagħti ħarsa ġenerali konċiża u mhux eżawrjenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Parlament organizzaw summit konġunt fil-11 ta' Novembru 2010[4], li ta l-opportunità lil firxa wiesgħa ta' partijiet interessati sabiex jippreżentaw u jiddiskutu l-opinjonijiet tagħhom dwar in-newtralità tan-net f'forum miftuħ u pubbliku.

## 2. ID-DIBATTITU DWAR IN-NEWTRALITÀ TAN-NET

*L-evoluzzjoni tal-internet*

L-internet assuma d-dimensjonijiet ta' fenomenu globali b'pass eċċezzjonali. Fi 15-il sena, is-suq tal-konnettività tal-internet kiber minn kważi xejn għal negozju ta' bosta biljuni ta' ewro. It-tkabbir tal-internet iffaċilita l-kummerċ transkonfinali permezz tal-kummerċ elettroniku filwaqt li għin sabiex is-suq intern jiżviluppa iktar u kkontribwixxa għat-tneħħija tal-ostakli bejn l-Istati Membri. L-internet huwa fil-qalba tal-ekonomija globali. Huwa responsabbli għal livell ta' innovazzjoni mingħajr preċedenza.

---

1 ĠU L 337, 18 ta' Diċembru 2009.
2 COM(2010) 245.
3 http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecomm/library/public_consult/net_neutrality/index_en.htm
4 http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecomm/library/public_consult/net_neutrality/index_en.htm

Ħafna mis-suċċess tal-internet huwa dovut għall-fatt li huwa mifuħ u aċċessibbli faċilment, sakemm l-utent għandu konnessjoni tal-internet. Sabiex jiġu pprovduti l-kontenut jew is-servizzi, tneħħi xi rekwiżiti tekniċi bażiċi, bħalissa individwu jew kumpanija ma għandhomx għalfejn jonfqu wisq biex jidħlu fis-sistema u ma jsibux ostakli oħra kbar li huma karatteristiċi ta' ħafna industriji ta' netwerks magħluqa oħrajn. Fil-fatt, hija l-assenza ta' dawn l-ostakli li ppermettiet lil ħafna mill-applikazzjonijiet li llum il-ġurnata huma ismijiet li jafhom kulħadd sabiex jibdew u jirnexxu.

Fil-bidu tiegħu, l-aċċess għall-internet kien iseħħ permezz tad-dial-up fuq it-telefown, iżda bil-proliferazzjoni tal-applikazzjonijiet li ġibdu lill-konsumaturi – li kienu dejjem aktar aċċessibbli permezz tal-veloċitajiet dejjem jiżdiedu tal-konnessjonijiet broadband - l-internet sar ħafna iktar minn sempliċi linja tat-telefown. Huwa "n-netwerk tan-netwerks" li ttrasforma l-mod kif nikkomunikaw u nwettqu n-negozju, il-mod kif naħdmu filwaqt li fetaħ opportunitajiet kbar fl-edukazzjoni, fil-kultura, fil-komunikazzjoni, fl-interazzjoni soċjali, ippermetta l-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija u inkoraġġixxa b'mod wiesa' l-liberta' tal-espressjoni u l-pluralità tal-midja.

Kien hemm investiment ta' biljuni ta' ewro fl-aġġornament tal-infrastruttura biex ikunu pprovduti servizzi aħjar lill-konsumaturi bi prezzijiet aktar baxxi. Dan, flimkien mal-mudell tal-UE ta' regolazzjoni favur il-kompetizzjoni għall-aċċess bl-ingrossa u l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, ħeġġeġ il-kompetizzjoni downstream u kabbar l-offerti kompetittivi tal-pakketti għall-aċċess broadband li, flimkien ma' medda li tħajrek ta' kontenut u servizzi, kabbar id-domanda tal-konsumatur. Se jkun jenħtieġ aktar investiment biex jinżamm il-pass mal-isplużjoni tat-traffiku tad-dejta. Skont xi projezzjonijiet tat-traffiku, dan għandu jiżdied b'35 % minn sena għal sena għan-netwerks fissi u b'107 % minn sena għal sena għal dawk mobbli. L-internet sar element prezzjuż ħafna fis-soċjetà tal-lum. Il-potenzjal sħiħ tiegħu għadu mhux qed jiġi sfruttat.

*Il-parametri għad-dibattitu dwar in-newtralità tan-net*

Għalkemm m'hemmx definizzjoni stabbilita ta' "newtralità tan-net", **l-Artikolu 8 (§4) (g) tad-Direttiva Qafas**[5] **jirrikjedi li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jippromwovu l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea billi jippromwovu l-kapaċità tal-utenti finali biex jaċċessaw u jiddistribwixxu l-informazzjoni jew iħaddmu l-applikazzjonijiet u s-servizzi** tal-għażla tagħhom. Naturalment, dan huwa suġġett għal-liġi applikabbli u għalhekk mingħajr ħsara għall-miżuri tal-UE jew dawk nazzjonali li jittieħdu kontra l-attivitajiet illegali, l-aktar fil-glieda kontra l-kriminalità.

L-essenza tan-newtralità tan-net u l-kwistjonijiet fundamentali tad-dibattitu jikkonċernaw fuq kollox kif il-karattru miftuħ ta' din il-pjattaforma jista' jinżamm bl-aqwa mod u kif jista' jiġi żgurat li tista' tkompli tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja lil kulħadd u tippermetti li l-innovazzjoni tkompli tiffjorixxi, filwaqt li tikkontribwixxi għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali u r-rispett tagħhom, bħal-libertà tal-espressjoni u l-libertà li wieħed imexxi negozju.

Ħafna mid-dibattitu dwar in-newtralità tan-net idur madwar il-ġestjoni tat-traffiku u x'jikkostitwixxi ġestjoni raġonevoli tat-traffiku. Huwa aċċettat b'mod wiesa' li jeħtieġ li l-operaturi tan-netwerk jadottaw xi prattiki ta' ġestjoni tat-traffiku biex jiżguraw l-użu effikaċi

5 Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 (Id-Direttiva Qafas).

tan-netwerks tagħhom u li ċerti servizzi tal-IP, bħal pereżempju servizzi ta' IPTV u vidjokonferenzi f'ħin reali, jistgħu jeħtieġu ġestjoni speċjali tat-traffiku biex tkun żgurata l-kwalità għolja predefinita tas-servizz. Madankollu, il-fatt li xi operaturi, għal raġunijiet mhux relatati mal-ġestjoni tat-traffiku, jistgħu jimblukkaw jew iwaqqgħu l-livell tas-servizzi legali (b'mod partikolari s-servizzi ta' "Voice over IP") li jikkompetu mas-servizzi tagħhom stess jista' jitqies li jmur kontra l-karattru miftuħ tal-Internet. It-trasparenza wkoll hija parti essenzjali tad-dibattitu dwar in-newtralità tan-net. Il-ksib ta' informazzjoni adegwata dwar il-limitazzjonijiet possibbli jew il-ġestjoni tat-traffiku jippermetti li l-konsumatur jieħu deċiżjonijiet infurmati. Jeħtieġ li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet ta' ġestjoni ta' traffiku, imblukkar u twaqqigħ tal-livell, kwalità tas-servizz u trasparenza.

## 3. ID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IN-NEWTRALITÀ TAN-NET TAL-QAFAS REGOLATORJU TAL-UE

### 3.1. Il-prinċipji tal-kompetizzjoni

Il-qafas regolatorju tal-UE jimmira lejn il-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva, li hija meqjusa bħala l-aqwa mod kif jitwasslu oġġetti u servizzi ta' kwalità għolja bi prezzijiet li huma għall-but tal-konsumaturi. Sabiex il-kompetizzjoni tirnexxi, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu bejn varjetà ta' offerti kompetittivi abbażi ta' informazzjoni ċara u li tagħmel sens. Il-konsumaturi jridu wkoll ikunu jistgħu b'mod effettiv jaqilbu għal fornitur ġdid li jkun qed joffri kwalità ta' servizz aħjar u/jew prezz aktar baxx, jew meta ma jkunux sodisfatti bil-kwalità li qed jirċievu, pereżempju fejn il-fornitur attwali tagħhom jimponi restrizzjonijiet fuq servizzi jew applikazzjonijiet partikolari. F'ambjent kompetittiv dan iservi ta' stimolu għall-operaturi biex jadattaw l-iffissar tal-prezzijiet tagħhom u jieqfu milli jimponu restrizzjonijiet fuq l-applikazzjonijiet li jkunu jidhru popolari mal-utenti, kif huwa l-każ bis-servizzi tal-"voice over IP" (VoIP).

L-importanza tat-tipi ta' problemi li joħorġu mid-dibattitu dwar in-newtralità tan-net, għalhekk, hija kkorrelatata mal-grad ta' kompetizzjoni li jeżisti fis-suq.

Fl-Ewropa, il-qafas regolatorju ffaċilita l-kompetizzjoni billi l-operaturi tan-netwerk b'qawwa sinifikanti fis-suq ġew rikjesti li jipprovdu aċċess bl-ingrossa u billi alloka l-ispettru b'mod favur il-kompetizzjoni. L-aċċess bl-ingrossa għal netwerks mobbli ġie [fil-biċċa l-kbira?] ħieles mir-regolazzjoni abbażi tal-evidenza li aċċess bħal dawn huwa offrut fuq termini kummerċjali lil operaturi tan-netwerk virtwali mobbli, li jżidu mal-firxa ta' offerti fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut. Imsaħħa b'mod parallel mal-qafas regolatorju *ex ante*, il-liġi tal-kompetizzjoni kkontribwixxiet għad-dħul effikaċi fis-suq billi ħaditha kontra l-abbużi tal-pożizzjoni dominanti ta' operaturi regolati. B'riżultat ta' dan, l-iffissar tal-prezzijiet fil-bejgħ bl-imnut tal-aċċess tal-internet fiss u mingħajr fili mhuwiex regolat fl-UE u l-konsumaturi jgawdu minn varjetà ta' servizzi bi prezzijiet differenti li huma adattati għall-bżonnijiet tagħhom (eż. f'termini ta' volum, medda ta' frekwenzi).

Fl-istess ħin, l-adegwatezza tal-ambjent kompetittiv bħala garanzija tal-ftuħ tal-internet tista' tiġi affetwata mill-eżistenza possibbli ta' fallimenti fis-suq, ta' prattiċi oligopolistiċi, ta' konġestjonijiet fil-forniment ta' servizzi ta' kwalità għolja lill-konsumatur u ta' nuqqas ta' simetrija fl-informazzjoni.

### 3.2. Il-qafas emendat tat-Telekomunikazzjonijiet

Il-qafas emendat tat-telekomunikazzjonijiet adottat fl-2009 jiffavorixxi l-preservazzjoni tal-karattru miftuħ u newtrali tal-internet. Skont ir-regoli riveduti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tat-telekomunikazzjonijiet iridu jippromwovu "l-ħila tal-utenti aħħarija li jkollhom aċċess u jiddistribwixxu informazzjoni jew jużaw l-applikazzjonijiet u s-servizzi li jagħżlu huma" (l-Artikolu 8(4)(g) tad-Direttiva Qafas).

Dan huwa appoġġat mir-rekwiżiti ġodda trasparenti vis-à-vis il-konsumatur (l-Artikolu 21 tad-Direttiva Servizz Universali). B'mod aktar speċifiku, meta wieħed jabbona għal servizz u f'każ ta' bdil wara dan l-abbonament, il-konsumatur se jkun infurmat dwar:

- il-kundizzjonijiet li jillimitaw l-aċċess għas-servizzi u l-applikazzjonijiet u/jew l-użu tagħhom, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni; kif ukoll
- il-proċeduri stabbiliti mill-fornitur sabiex ikejjel u jimmaniġġja t-traffiku ħalli jevita li l-link tan-netwerk jimtela sal-kapaċità massima tiegħu jew iżjed, u dwar kif dawk il-proċeduri jista' jkollhom impatt fuq il-kwalità tas-servizz.

Dawn ir-rekwiżiti ta' trasparenza huma meħtieġa biex il-konsumaturi jkunu infurmati dwar il-kwalità tas-servizz li għandhom jistennew.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-bdil tal-operaturi, il-konsumaturi se jkunu jistgħu **jbiddlu minn operatur għall-ieħor** u jżommu n-numri tagħhom fi żmien ġurnata waħda tax-xogħol. Barra minn hekk, l-operaturi jridu joffru l-possibbiltà lill-utenti sabiex jabbonaw b'kuntratt ta' tul massimu ta' 12-il xahar. Ir-regoli l-ġodda jiżguraw ukoll li l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-terminazzjoni tal-kuntratt ma jaġixxux bħala diżinċentiv kontra l-bdil tal-fornitur tas-servizz (l-Artikolu 30(6) tad-Direttiva Servizz Universali).

Flimkien ma' dan, ir-regolaturi nazzjonali – wara li jikkonsultaw mal-Kummissjoni – għandhom is-setgħa biex jintervjenu billi jistabbilixxu l-kwalità minima tar-rekwiżiti tas-servizz għas-servizzi tat-trażmissjoni tan-netwerk (l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva Servizz Universali) u b'hekk jiggarantixxu livell sod tal-kwalità tas-servizz.

Dawn id-dispożizzjonijiet kollha, li jinsabu fil-qafas regolatorju rivedut tal-UE, se jkunu trasposti mill-Istati Membri sal-25 ta' Mejju 2011.

Barra minn hekk, il-liġi tal-UE[6] toffri protezzjoni lill-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali, inkluż meta jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lil individwi abbażi tal-ipproċċessar awtomatizzat tad-dejta personali tagħhom. Għalhekk, kull attività relatata mal-imblukkar jew il-ġestjoni tat-traffiku fuq bażi bħal din se jkollha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri jridu jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE meta jimplimentaw il-liġi tal-UE u dan japplika wkoll għall-implimentazzjoni tal-qafas rivedut tat-telekomunikazzjonijiet, li jista' jaffettwa wkoll it-twettiq ta' għadd ta' drittijiet bħal dawn.

---

6 Pereżempju, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (95/46/KE) u d-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika (2002/58/KE)

## 4. X'INSTAB S'ISSA

### 4.1. L-imblukkar

L-imblukkar jew it-trażżin tal-fluss tad-dejta (throttling) ta' traffiku leġittimu kien wieħed mill-kwistjonijiet ewlenin matul is-summit dwar il-konsultazzjoni pubblika u n-newtralità tan-net. L-imblukkar jista' jseħħ taħt il-forma ta' diffikultà fl-aċċess jew restrizzjoni b'mod ċar ta' ċerti servizzi jew websajts fuq l-internet. Eżempju klassiku ta' dan huwa l-każ tal-operaturi tal-internet mobbli li jimblukkaw il-"voice over internet protocol" (VoIP). It-trażżin tal-fluss tad-dejta, li huwa teknika użata għall-ġestjoni tat-traffiku biex tiġi minimizzata l-konġestjoni, jista' jintuża biex jitwaqqa' l-livell ta' ċertu tip ta' traffiku (eż. titnaqqas il-veloċità) u biex ikun affettwat il-kontenut, bħall-"video streaming" mogħti lill-konsumatur minn kompetitur.

Fuq il-livell Ewropew, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) wettaq studju fost il-membri tiegħu fil-bidu tal-2010 biex jivvaluta l-istat tal-affarijiet fl-Istati Membri differenti. Barra minn hekk, fuq il-livell nazzjonali, qabel ma ġiet varata l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni, kemm l-ARCEP[7] kif ukoll l-OFCOM[8] li huma, rispettivament, l-awtoritajiet regolatorji ta' Franza u r-Renju Unit, varaw il-konsultazzjonijiet tagħhom stess.

Fir-reazzjoni tiegħu għall-konsultazzjoni pubblika, BEREC innota li kien hemm sitwazzjonijiet ta' trattament mhux ugwali ta' dejta minn ċerti operaturi. Fil-fatt, BEREC irrapporta xi tħassib li ntwera kemm mill-utenti kif ukoll mill-fornituri tal-kontenut:

– Limiti fuq il-veloċità ("trażżin tal-fluss tad-dejta") ta' qsim ta' fajls "peer-to-peer" (P2P) jew tal-"video streaming" minn ċerti fornituri fi Franza, il-Greċja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Polonja u r-Renju Unit;

– Imblukkar jew it-talba ta' ħlas addizzjonali għas-servizzi ta' "voice-over-internet protocol" (VoIP) f'netwerks mobbli minn ċerti operaturi mobbli fl-Awstrija, il-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall u r-Rumanija.

Madankollu, BEREC ma għamilx distinzjoni bejn is-sitwazzjonijiet ta' imblukkar b'mod ċar minn dawk fejn l-operaturi qed joffru s-servizz iżda jitolbu ħlasijiet addizzjonali, u ma indikax is-sinifikat ekonomiku ta' dawn il-ħlasijiet. Dawn huma kwistjonijiet essenzjali li għandhom jiġu ċċarati aktar. Għalhekk, se jkun importanti li naslu għal ħarsa ċara tas-sitwazzjoni fl-UE f'eżerċizzju ta' tiftix tal-fatti aktar eżawrjenti. L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tas-soċjetà ċivili rreferew ukoll għal għadd ta' każijiet ta' imblukkar jew trażżin tal-fluss tad-dejta. Is-sejbiet tal-BEREC juru li ħafna minn dawn il-kwistjonijiet kienu solvuti b'mod volontarju, ħafna drabi permezz tal-intervent tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (ARN) jew minħabba l-pressjoni li nħolqot minn kopertura avversa tal-midja.

Tqajjem tħassib li, fil-futur, l-imblukkar, għalkemm bħalissa huwa limitat l-aktar għall-"VoIP", jista' jiġi estiż għal servizzi oħrajn, bħax-xandir tat-televiżjoni permezz tal-internet. Kwistjonijiet oħra potenzjali li ssemmew minn min bagħat reazzjoni matul il-konsultazzjoni jinkludu r-riskju li l-istrutturi tal-imposti jistgħu jiffavorixxu lill-operaturi l-kbar li jistgħu jkunu jifilħu jħallsu għall-prijoritizzazzjoni filwaqt li operaturi ġodda fis-suq ikunu kostretti jimxu bil-mod u b'hekk ikunu limitati l-inċentivi għall-innovazzjoni. Saret ukoll referenza

7 http://stakeholders.ofcom.org.uk/consultations/net-neutrality/?showResponses=true
8 http://www.arcep.fr/uploads/tx_gspublication/net-neutralite-orientations-sept2010-eng.pdf

għar-riskju li, jekk operaturi differenti jimblukkaw jew iwaqqgħu l-livell tas-servizzi differenti, il-konsumaturi jista' jkollhom diffikultà għall-aċċess tas-servizzi tal-għażla tagħhom permezz ta' abbonament uniku tal-internet.

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma għandhiex evidenza sabiex tikkonkludi li dan it-tħassib huwa ġustifikat, iżda dan għandu jitqies sew f'eżerċizzju ta' tiftix tal-fatti aktar eżawrjenti.

## 4.2. Il-ġestjoni tat-traffiku

Id-domandi dejjem akbar fuq in-netwerks tal-broadband kif ukoll servizzi u applikazzjonijiet differenti li jeħtieġu skambju kontinwu ta' dejta jfissru li l-ġestjoni tat-traffiku hija meħtieġa biex ikun żgurat li l-esperjenza tal-utent finali ma titfixkilx minħabba l-konġestjoni tan-netwerk.
Hemm tipi differenti ta' tekniki ta' ġestjoni tat-traffiku:

– Id-**divrenzjar** tal-pakkett jippermetti li klassijiet differenti ta' traffiku jiġu ttrattati b'mod differenti, pereżempju għas-servizzi li jeħtieġu komunikazzjoni f'ħin reali bħal-"live streaming" ta' avvenimenti ta' awdjo jew ta' vidjo u l-VoIP. Dan id-divrenzjar jiggarantixxi ċ-ċertezza ta' kwalità minima tas-servizz lill-utenti finali.

– L-"IP **routing**" jippermetti lill-ISPs sabiex il-pakketti jingħataw rotot minn linji ta' komunikazzjoni differenti biex tiġi evitata l-konġestjoni jew biex jingħataw servizzi aħjar. Pereżempju, Fornitur tas-Servizz tal-Internet jista' jibgħat il-pakketti lejn server li għandu kopja tal-informazzjoni rikjesta li jinsab jew fin-netwerk tiegħu jew x'imkien qrib.

– L-**iffiltrar** jippermetti lil Fornitur tas-Servizz tal-Internet jiddistingwi bejn traffiku "sigur" u "ta' ħsara" u jimblokka dan tal-aħħar qabel ma jasal fid-destinazzjoni intenzjonata.

L-esperjenza tal-konsumatur mhijiex affettwata jekk posta elettronika tasallu ftit sekondi wara li tintbgħatlu, filwaqt li dewmien simili għal komunikazzjoni bil-vuċi jkollu l-konsegwenza li din taqa' fil-livell, jekk mhux issir totalment inutli.

Ħafna mid-dibattitu dwar in-newtralità tan-net idur madwar il-ġestjoni tat-traffiku u x'jikkostitwixxi ġestjoni raġonevoli tat-traffiku. Il-ġestjoni tat-traffiku titqies meħtieġa sabiex ikun żgurat il-fluss bla problemi tat-traffiku, b'mod partikolari meta jkun hemm konġestjoni tan-netwerks.

Diversi persuni li offrew reazzjoni għall-konsultazzjoni pubblika qablu li l-ġestjoni tat-traffiku mhijiex xi ħaġa ġdida fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Pereżempju, l-operaturi jipprijoritizzaw it-traffiku tal-vuċi, speċjalment fil-każ tas-servizzi mobbli. Xi persuni li offrew reazzjoni argumentaw li tekniki tal-ġestjoni tat-traffiku bħal dawn, jekk użati sew, għandhom itejbu l-esperjenza tal-konsumatur. Anke dawk il-persuni li offrew reazzjoni fil-konsultazzjoni pubblika li alludew li jeżisti l-imblukkar ta' servizzi "peer-to-peer" jew tal-VoIP argumentaw li l-ġestjoni tat-traffiku kienet parti neċessarja u essenzjali għat-tħaddim ta' internet effiċjenti. Qablu li l-użu tagħha għall-finijiet tal-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' konġestjoni u sikurezza kien totalment leġittimu u ma jmurx kontra l-prinċipji tan-newtralità tan-net.

Għadd ta' persuni li offrew reazzjoni qajmu tħassib dwar l-abbuż potenzjali tal-ġestjoni tat-traffiku, pereżempju, għall-finijiet tal-għoti ta' trattament preferenzjali lil servizz wieħed u mhux lil ieħor, prattika li huma ma jqisux ġustifikabbli jekk is-servizzi huma ta' natura simili.

Kien hemm kunsens wiesa’ li l-operaturi u l-ISPs għandu jkollhom il-permess li jiddeterminaw il-mudelli ta' negozju u l-arranġamenti kummerċjali tagħhom, suġġett għal-liġijiet applikabbli. Xi persuni li offrew reazzjoni qalu li l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali u l-operaturi għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw li t-trasparenza lill-konsumaturi fir-rigward tal-prattiki tal-ġestjoni tat-traffiku tkun tagħmel sens u tkun effettiva.

Diversi persuni qiesu li l-ġestjoni tat-traffiku għandha tapplika kemm għan-netwerks fissi kif ukoll għal dawk mobbli, f’konformità mal-prinċipju tan-newtralità tat-teknoloġija li huwa l-bażi tal-qafas tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-UE.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-BEREC, se tkompli timmonitorja din il-kwistjoni biex tippermetti ġestjoni tat-traffiku raġonevoli u trasparenti, li se tappoġġa l-għanijiet tal-qafas tat-Telekomunikazzjonijiet tal-UE.

### 4.3. Il-konsumaturi u l-kwalità tas-servizz

It-trasparenza hija parti ewlenija mid-dibattitu dwar in-newtralità tan-net. Il-ksib ta’ informazzjoni adegwata dwar il-limitazzjonijiet possibbli jew il-ġestjoni tat-traffiku jippermetti lill-konsumatur jieħu deċiżjonijiet infurmati.

Skont il-BEREC, il-maġġoranza tal-ARN jirċievu lmenti mill-konsumaturi dwar id-**diskrepanza bejn il-veloċitajiet ippubbliċizzati u dawk li fil-fatt jingħataw** għal konnessjoni tal-internet. Kien hemm kunsens li t-trasparenza tal-kwalità tas-servizz hija essenzjali. Peress li, skont ħafna persuni li offrew reazzjoni, in-natura tal-moltipliċità tal-offerti tal-internet hija kumplessa u teknika mill-perspettiva tal-konsumatur, hemm bżonn li jinstab bilanċ bejn is-sempliċità u l-forniment ta’ informazzjoni li tagħmel sens u li hija dettaljata b'mod xieraq.

Xi partijiet interessati tkellmu dwar il-fatt li, fil-qasam regolatorju, diġa' hemm provvediment dwar il-preservazzjoni tal-karattru miftuħ u newtrali tal-internet u li l-ARN għandhom jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(3) tad-Direttiva Servizz Universali u jistabbilixxu rekwiżiti għal kwalità minima xierqa tas-servizz, fejn huma jsiru konxji mill-waqgħa tal-livell tas-servizz, tfixkil jew nuqqas ta’ veloċità tat-traffiku fuq in-netwerks

Matul is-summit ta’ Novembru 2010, il-Membri tal-Parlament Ewropew irrakkomandaw b’ħeġġa li jsir aktar xogħol fuq l-indikaturi tal-kwalità tas-servizz u għandhom iħarsu lejn il-BEREC għall-aqwa mod kif wieħed jipproċedi.

### 4.4. Il-kuntest internazzjonali

Għadd ta’ kwistjonijiet – bħal jekk il-fornituri tal-internet jistgħux jipprijoritizzaw tip wieħed ta’ kontenut fuq ieħor, jekk in-netwerks fissi u mobbli għandhomx ikunu suġġetti għal regoli differenti – iġġeneraw ħafna diskussjoni u kontroversja f’għadd ta’ pajjiżi barra mill-UE.

Fl-**Istati Uniti,** il-Kummissjoni Federali tal-Komunikazzjonijiet (FCC) iddikkjarat b’mod regolari l-impenn tagħha lejn il-preservazzjoni ta’ internet miftuħ. Għal dan il-għan, fl-2005 l-FCC adottat erba' prinċipji ewlenin li jippermettu lill-konsumaturi tal-internet li jużaw il-kontenut, l-applikazzjonijiet, is-servizzi u l-apparat tal-għażla tagħhom, u li jippromwovu l-kompetizzjoni fost il-fornituri tan-netwerk, tas-servizz u tal-kontenut. Dawn l-ideat jikkorrispondu bil-kbir mal-prinċipji ta’ "internet miftuħ" li jinsab fil-qafas rivedut tat-telekomunikazzjonijiet tal-UE.

F'Diċembru 2010, l-FCC ħarġet ordni li introduċiet regoli ġodda dwar it-trasparenza kif ukoll il-kjarifika fir-rigward tat-tipi ta' imblukkar permessi għall-broadband fiss u dak mobbli. Fil-prinċipju, il-fornituri tal-broadband fiss ma jistgħux jimblukkaw kontenut, servizzi, apparati u applikazzjonijiet leġittimi li mhumiex ta' ħsara, inklużi dawk li qed jikkompetu mas-servizzi tat-telefonija bil-vuċi jew bil-vidjo tagħhom stess. L-approċċ għall-broadband mobbli huwa inkrementali, bħalissa l-fornituri ma jistgħux b'mod speċifiku jimblukkaw websajts leġittimi u VoIP jew applikazzjonijiet ta' telefonija bil-vidjo li jikkompetu mas-servizzi ta' telefonija bil-vuċi jew bil-vidjo tagħhom stess.

Pajjiżi oħra adottaw linjigwida mhux vinkolanti dwar in-newtralità tan-net. Fin-**Norveġja**, l-Awtorità tal-Posta u tat-Telekomunikazzjonijiet Norveġiża (NPT), f'kollaborazzjoni ma' medda ta' partijiet interessati, adottat ftehim volontarju fi Frar 2009 li jagħti d-dritt lill-utenti għal konnessjoni tal-interenet (i) b'kapaċità u kwalità predefinita; (i) li tippermettilhom użaw il-kontenut, is-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-għażla tagħhom; u (iii) li hija ħielsa mid-diskriminazzjoni fir-rigward tat-tip ta' applikazzjoni, servizz jew kontenut.

Fl-istess ħin, fil-**Kanada**, il-Kummissjoni Kanadiża tat-Televiżjoni-Radju u t-Telekomunikazzjonijiet (CRTC), f'Ottubru 2009 ħarġet qafas ġdid dwar in-newtralità tan-net li bih il-fornituri tal-internet huma suġġetti għal rekwiżiti akbar ta' trasparenza u jippermettilhom użaw tekniki ta' ġestjoni tat-traffiku biss bħala l-aħħar espedjent.

Iċ-**Ċilí** jidher li kien l-ewwel pajjiz li indirizza b'mod dirett il-prinċipju tan-newtralità tan-net fil-leġiżlazzjoni tiegħu. F'Awwissu 2010, il-parlament tiegħu adotta liġi ġdida dwar in-newtralità tan-net, li essenzjalment tirrestrinġi d-drittijiet tal-fornituri tal-internet fil-ġestjoni tal-kontenut, filwaqt li żżid il-protezzjoni għall-fornituri tal-kontenut u għall-utenti tal-internet.

Il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib dawn l-iżviluppi internazzjonali u se tkompli tqishom fil-ħsieb tagħha stess dwar approċċi possibbli għan-newtralità tan-net.

## 5. Konklużjoni

L-importanza li jinżamm internet miftuħ, enfasizzata mid-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, irċeviet approvazzjoni kbira fil-konsultazzjoni pubblika u fis-summit konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Parlament. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata lejn dan l-objettiv, u lejn l-iżgurar taż-żamma ta' internet sod bl-aqwa sforzi li kulħadd għandu aċċess għalih.

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li r-regoli dwar it-trasparenza, il-bdil u l-kwalità tas-servizz li jiffurmaw parti mill-qafas rivedut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-produzzjoni ta' riżultati kompetittivi.

Ġaladarba l-Istati Membri għadhom qed jittrasponu l-qafas rivedut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-UE f'liġi nazzjonali, huwa importanti li jkun hemm ħin biżżejjed biex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati u sabiex wieħed jara kif dawn se joperaw fil-prattika.

Barra minn hekk, kif iddikjarat hawn fuq, id-dejta li nkisbet mill-konsulatazzjoni pubblika ma kinitx kompleta jew ma kinitx preċiża f'ħafna aspetti li huma essenzjali biex ikun hemm fehim tal-istat attwali tas-sitwazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, flimkien mal-BEREC, attwalment qed tħares lejn għadd ta' kwistjonijiet li ħarġu matul il-proċess ta' konsultazzjoni, b'mod partikolari, ostakli għall-bdil tal-operaturi (pereżempju, wara kemm, bħala medja, konsumatur għandu l-permess jikser kuntratt ta' post-paid u x'inhuma l-

penalitajiet jekk hemm), il-prattiki tal-imblukkar, il-prattiki tat-trażżin tal-fluss tad-dejta u dawk kummerċjali b'effett ekwivalenti, it-trasparenza u l-kwalità tas-servizz kif ukoll il-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni relatati man-newtralità tan-net (eż. il-prattiki diskriminatorji minn operatur dominanti).

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirriserva d-dritt tagħha li tivvaluta kull imġiba relatata mall-ġestjoni tat-traffiku li tista' tirrestringi jew tfixkel il-kompetizzjoni, skont l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE.

*It-triq għall-ġejjieni*

Sal-aħħar tas-sena, il-Kummissjoni se tippubblika l-evidenza li se toħroġ mill-investigazzjonijiet tal-BEREC, inkluż kull każ ta' imblukkar jew ta' trażżin ta' ċerti tipi ta' traffiku.

Abbażi tal-evidenza u tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-qafas tat-telekomunikazzjonijiet, il-Kummissjoni se tiddeċiedi, bħala prijorità, dwar il-kwistjoni ta' **gwida addizzjonali** dwar in-newtralità tan-net.

Jekk jiġu ssostanzjati problemi sinifikanti u persistenti, u s-sistema fit-totalità tagħha - inklużi l-operaturi multipi - mhix tiżgura li l-konsumaturi jkunu kapaċi jkollhom aċċess u jiddistribwixxu mingħajr diffikultà l-kontenut, is-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-għażla tagħhom permezz ta' abbonament uniku tal-internet, il-Kummissjoni se tivvaluta l-bżonn ta' **miżuri aktar stretti** sabiex tinkiseb il-kompetizzjoni u l-għażla li ħaqqu l-konsumatur. It-trasparenza u l-faċilità li wieħed jibdel l-operatur huma elementi ewlenin għall-konsumaturi meta jagħżlu jew ibiddlu l-fornitur tas-servizz tal-internet iżda jistgħu ma jkunux għodda adegwata biex jiġu ttrattati r-restrizzjonijiet ġenerali ta' servizzi jew applikazzjonijiet leġittimi.

Miżuri addizzjonali bħal dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri leġiżlattivi ta' gwida u ġenerali biex itejbu l-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumatur, bħal iktar faċilità biex il-konsumatur jaqleb minn operatur għall-ieħor jew, jekk jinstab li dan mhux biżżejjed, billi pereżempju, jiġu imposti obbligazzjonijiet speċifiċi dwar divrenzar mhux ġustifikat tat-traffiku fuq l-internet applikabbli għall-ISPs kollha irrispettivament mis-saħħa tas-suq. Dan jista' jkun li jinkludi l-projbizzjoni tal-imblukkar ta' servizzi leġittmi.

In-newtralità tan-net taffettwa għadd ta' drittijiet u prinċipji li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-dejta personali u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Għal din ir-raġuni, kull proposta leġiżlattiva f'dan il-qasam se tkun suġġetta għal valutazzjoni fil-fond tal-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali u tal-konformità tagħha mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[9].

Kull regolament addizzjonali għandu jevita li jnaffar l-investiment, jew mudelli ta' negozju innovattivi, iwassal għal użu aktar effiċjenti tan-networks u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju fuq livelli differenti tal-katina ta' valur tal-internet filwaqt li jżomm il-vantaġġi għall-konsumatur ta' għażla ta' prodotti ta' aċċess għall-internet magħmula skont il-bżonnijiet tiegħu.

---

9 F'konformità ma' COM(2010)573 finali, "Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea", 19.10.2010.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli bid-djalogu tagħha mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati biex tiżgura l-iżvilupp malajr tal-broadband, li għandu jnaqqas il-pressjoni fuq it-traffiku tad-dejta.